**Fil-Qorti Civili Prim'Awla**

**Jonathan Ferris (255473M)**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Protest ta' Jonathan Ferris (ID 255473M)**
**Jesponi bil-qima**

Illi huwa kien impjegat tal-*Financial Intelligence Analysis Unit* sakemm l-impjieg tieghu gie tterminat f'cirkostanzi ta' illegalita' u ghahekk abbuzivament f' Gunju 2017;

Illi b'konsegwenza ta' din it-terminazzjoni illegali u abbuziva tal-impjieg tieghu mill-FIAU, b'konsegwenza jsostni hu ta' indhil Ministerjali, huwa beda proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali;

Illi huwa konsapevoli u infurmat dwar atti ta' korruzzjoni, abbuz ta' poter, hasil ta' flus li sehhew fl-ahhar ftit snin u li ghadhom ghaddejjin u li jinvolvu ufficjali gholja tal-Gvern Malti, izda ma jistax jikkolabora mal-awtoritajiet u istituzzjonijiet gudizzjarji f'pajjizna ghal kxif, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' dawn l-atti kriminali minghajr il-periklu rejali li jsofri u jinkorri l-konsegwenzi penali tal-Ligi li twaqqaf il-FIAU u cjoe l-Ligi kontra l-Hasil tal-Flus (Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi ghalhekk ilu minn l-ahhar ta' Novembru li ghadda, jikteb permezz tal-konsulenti legali tieghu, lil diversi ufficjali tal-Gvern Malti, a tenur tal-Ligi li tipprotegi l-Whistleblower, Att tal-2013 sabiex jinghata l-istatus ta' Whistleblower skond il-ligi;

Illi apparti hemel emails lil diversi ufficjali governattivi fil-Ministeru tal-Gustizzja u fil-Ministeru tal-Finanzi, li s'issa ma wasslu ghal imkien hlief "acknowledgements", huwa kellu laqgha preliminari mal-Whistleblower Officer fil-Ministeru tal-Finanzi fl-1 ta' Dicembru 2017 li ma wasslet ghal imkien, u kellu laqgha mal-Whistleblower Officer tal-Ministeru tal-Gustizzja fl-15 ta' Dicembru 2017 (JON: pls check date) li wkoll ma wasslet ghal imkien;

Illi fil-5 ta' Jannar 2018, l-protestant kiteb, permezz tal-legali tieghu, lill-*External Disclosure Whistleblowing Unit* fl-Ufficju tal-Prim Ministru ghall-istess skop li fit-12 ta' Jannar 2018 wiegbu biex jghidlu li l-protestant huwa mistenni li jipprovdi l-informazzjoni li huwa ghandu "*relative to the disclosure*";

Illi b'hekk jirrizulta li l-protestant issa ilu mill-ahhar ta' Novembru 2017 jipprova, minghajr ebda ezitu pozittiv, jkun akkordat l-istatus ta' Whistleblower skond il-ligi de quo, u biex zgur jintefa' melh fuq il-ferita issa gie mitlub QABEL MA JINGHATA L-KOMFORT TA' STATUS TA' WHISTLEBLOWER jizvela l-informazzjoni li ghandu mill-istess Ufficju tal-Prim Ministru fejn tinsab l-*External Disclosure Whistleblowing Unit;*

Illi dan l-agir jikkuntrasta bil-kbir ma' kif l-amministrazzjoni prezenti mxiet ma' "whistleblowers" ohra, mhux biss billi inghataw direct orders f'kuntratti li jiswew iktar minn miljun euro wara l-2013 izda wkoll, **ghall-ewwel darba** minn meta giet fis-sehh il-Ligi li twaqqaf il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni fl-1988, l-Avukat Generali fl-2014 hareg malajr malajr iktar minn 50 certifikat ta' immunita minn prosekuzzjoni kriminali lil iktar minn 60 persuna involuti fl-iskandlu tat-tbaghbis tal-ismart meters;

Illi huwa car li l-Avukat Generali ma jistax hlief jigi kkaratterizzat illi qed juza' riga u kejl differenti hafna mal-protestant li ghandu argumenti favur li jkollu l-protezzjoni tal-Ligi tal-Whistleblowers certament hafna iktar minn tbaghbis ta' smart meter meta fil-kaz tieghu si tratta ta' whistleblowing fuq hasil ta' flus, korruzzjoni u abbuz ta' poter ta' ufficjali governattivi fuq skala ingenti;

Illi dan l-agir da parti tal-Gvern mhuwiex accettabbli f'socjeta' demokratika msejsa fuq is-saltna tad-dritt, fejn ic-cittadin suppost ikun meghjun u moghti kull konsiderazzjoni xierqa filwaqt illi fil-kaz odjern il-protestant qed jigi effettivament injorat f'kuntest ta' cirkostanzi fejn qed jitlob id-drittijiet tieghu skond il-ligi.

Illi dan l-agir, li ghalih hu responsabbli l-protestat personalment, direttament kif ukoll in rapprezentanza generali tal-Gvern, mhuwiex accettabbli kif diga ntqal;

Ghaldaqstant l-protestant, filwaqt li jpoggi lill-protestat in *dolo, mora u culpa* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u jirrizerva li jipprocedi kontra tieghu u kontra l-ufficjali tal-Gvern li qeghdin ikunu negligenti jew aghar fil-qadi ta' dmirijiethom, kemm in rapprezentanza tal-Gvern kif ukoll personalment, qed jinterpella lill-istess protestat biex minghajr dewmien jiddikjara li ghandu l-istatus ta' "whistleblower" ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.


**Av Andrew Borg-Cardona**
**56 Melita Street Valletta**

**Av Jason Azzopardi**
**7 Cospicua Road Paola**

**Av Roselyn Borg Knight**
**21 Business Centre 20 Nutar Debono Street Naxxar**


**Notifika :** **Ufficcju tal-Avukat General Misrah San Gorg Valletta**
**Protestant:** **21 Mayflower Balzan Valley Balzan**